MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira

# IS-SEBGĦA LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 36

[Nhar it-Tlieta is-7 ta' Frar 2017]

Il-Kunsilli Lokali l-Gżira ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 283/1 Rue D'Argens, il-Gżira], fil-5.30 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Conrad Borg Manche – Sindku
Ralph Mangion– Viċi Sindku
Joseph Galea – Kunsillier
Neville Chetcuti – Kunsillier
Wayne Hewitt – Kunsillier
Graziella Schembri – Kunsilliera
Jeremy Cardona– Kunsillier

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

N/A

### ASSENTI

N/A

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Anthony Attard – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Conrad Borg Manche ippresjeda l-laqgħa.

## 36.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

36.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Viċi Sindku kien qal illi se jkun ftit tard peress illi kien għadu ġej mix-xogħol.

## 36.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

36.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ċempel lill-kuntrattur peress illi l-istage ma saritx sal-aħħar ta' Jannar [ref punt 34.2.4] iżda qal illi tal-aħħar tal-ġimgħa għandu jkun lest.

36.2.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi jekk possibbli l-kunsillieri għandhom jindirizzaw l-areas fejn hemm bżonn anti-slip [ref punt 34.2.6], barra l-kantunieri.

**Il-Viċi Sindku wasal fis-6.05pm**

36.2.3 B'referenza għal punt nru. 34.2.8, il-kunsillieri qablu ssir kuntratt ta' EU fund Officer. Mhux se tkun bir-retainer.

36.2.4 B'referenza għal punt nru. 34.2.9, is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ma rċieva l-ebda risposta mid-DLG.

36.2.5 B'referenza għal punt nru. 34.3.1, is-Sindku nforma lil Kunsill illi rċieva mill-Avukat Ġenerali, fejn qal illi bagħat l-opinjonijiet tiegħu fuq it-talba ta' ġurisdizzjoni ta' Manoel Island lill-Ministru tal-Ġustizzja u li issa għandna nistennew li jinħareġ avviż legali biex jiġi effettwata, skond il-liġi, din it-talba.

36.2.6 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Presidenti/PRO tat-tim ta' Gladiators [ref punt 34.3.9] kienu kuntenti bl-istat tal-pitch li l-Kunsill lest joffri għat-training, avolja talbu dwar il-possibilita li jużaw pitch b'turf apposta għas-soft impact. Il-Kunsill qal illi m'hemmx pitches oħra. Dawn se jikkonferma l-iskeda tat-training tagħhom illi x'aktarx se ssir kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ħamis bejn il-5.30pm u t-8pm.

36.2.7 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi tkellem mal-Operations Manager illi qalet illi hemm bżonn madwar 29 doggy bin fil-lokalita. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi aħjar issir tender għall-bins/doggy bins ħalli nixtru kull darba li hemm bżonn.

## 36.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

36.3.1 Kien hemm talba għal Un/Loading bay fejn il-Banif [Rue D'Argens]. Il-kunsilliera qalu li hemm area għall-parking ta' Muscat Motors u għandhom jaraw jekk huwa possibbli li jużaw parkeġġ minn tagħhom peress illi diffiċli li noħorġu permess fl-area.

Kien hemm talba għal Un/Loading f'triq il-Ġnien mill-International Marine. Il-kunsillier Neville Chetcuti qal illi jaħseb illi diġà hemm fl-area. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi mhux imniżżla fil-lista li għandna. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi se jmur u jara x'hemm qabel ma nirrispondu.

Il-kunsillier Jeremy Cardona wasal fis-6.30pm

36.3.2 Is-Sindku qal illi bagħtna l-oġġezzjoni tagħna fuq tlett applikazzjonijiet li nafu li ħarġu għall-OCA's [Outdoor Catering Areas]. Is-Sindku qal illi hemm policy fejn wieħed jista japplika biex jokkupa postijiet ta' parkeġġ għall-business privat tiegħu u grazzi għall-policy għandhom kull dritt. Qal illi hu ma jaqbilx mal-policy. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi biex nappellaw iridu nonfqu €200 kull darba waqt illi mid-dehra ma tantx hemm tama li se jirrevedu d-deċiżjoni. Jekk il-Kunsill jappella almenu jkun jista jinsisti fuq il-pozizzjoni tiegħu. Il-Kunsill, b'mod unanimu, ma jaqbilx mal-policy.

36.3.3 Is-Sindku ta spjegazzjoni fuq x'intqal fil-laqgħa ma ufficjali minn Transport Malta, fejn kien preżenti s-sur James Piscopo [CEO ta' TM], rigward il-Ġnien tal-Gzira. Is-Sindku qabel mal-proposta tas-sur Piscopo fejn qal illi l-Kunsill għandu jressaq il-proposti tiegħu għal embellishment u TM tagħti kontribuzzjoni lill-kunsill biex TM tiffinanzja parti mill-proġett, waqt illi l-bidder li jieħu t-tender tal-marina ikollu obbligazzjoni fil-kuntratt għal ammont [bħala kontribuzzjoni] fis-sena għall-manutenzjoni li tkun maħduma skond it-tisbieh li jsir.

36.3.4 Ittieħdu deċiżjoni fuq talbiet ta' Tower Cranes:

Pjazza Gerry Zammit: Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-kuntrattur jista jiċċaqlaq it-Tower Crane [ref punt 34.3.4]. Waqt illi l-kunsilliera ma oġġezzjonawx li ssir ix-xogħol, kien hemm proposta li jaħdem mill-parkeġġ illi hemm fejn il-Pjazza. Is-Segretarju Eżekuttiv se jmur flimkien mas-Sindku fuq il-post biex jaraw l-aħjar mod kif għandhom jaħdmu.

Triq ir-Rebħa [Adelphi]: Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi offrew 3 parking spaces barra l-garraxijiet tagħhom bħala kumpens, waqt illi 4 parking spaces se jkunu għall-pubbliku bil-lejl. Il-kunsillier Wayne Hewitt oġġezzjoni għall-fatt illi n-nies tat-triq diġà qegħdin isibu ħafna diffikultajiet minħabba l-ammont ta' kostruzzjoni li hemm fl-area, u minħabba n-nuqqas ta' parkeġġ illi hemm. Qal illi ma jistax jaqbel la m'hemmx alternattiva.
Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi dawn għandhom il-permess mill-P.A biex jibdew, il-Kunsill ma jistax iwaqqafhom speċjalment la għandhom id-deadlines u nefqu ammont ta' flus għall-permessi. Zied illi taħt 'Korrespondenza mis-Sindku' m'hemmx

diskussjonijiet iżda wieħed jista jagħti l-opinjoni għall-Minuti fuq każijiet hekk. Wara diskussjoni l-Kunsill, barra l-kunsillier Wayne Hewitt, qabel illi jingħata permess biex jarma t-Tower Crane kif indikat, iżda li l-Kunsill għandu jitlob lill-kuntrattur li qed jaħdem fil-viċinanza biex ineħħi l-hoarding li għandu għax issa mhux bzonnjuz u qed jokkupa ħafna positijiet ta' parkeġġ.

Rue D'Argens [parti ta' fuq]: Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hemm talba biex wieħed jarma Tower Crane ġol-propjeta privata tiegħu iżda TM oġġezzjonaw li danw jagħlaq it-triq biex jarma t-Tower Crane qabel ma jibda jopera minn ġewwa u għalhekk mhux se ssir għalissa.
Rue D'Argens [fejn il-Kunsill]: Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rċieva talba simili fejn din id-darba l-kuntrattur qal illi rċieva l-go ahead mit-TM biex jagħlaq carriageway iżda għadu qed jistenna l-ġurnata.

36.3.5 Housing Estate: Is-Sindku qal illi sema l-ilmenti tar-residenti u wara diskussjoni qablu li l-liċenzja tal-istabbiliment isir restorant minflok bar kif qiegħed fil-prezent.

36.3.6 Karnival: L-Event Organizer bagħat stimi għall-even li se ssir fl-aħħar ta' Frar fejn hemm bżonn madwar €1000. Il-kunsillier Jeremy Cardona qal illi membru tal-Kazin tal-Banda esprima d-diżapunt tiegħu li ma kienux involuti fil-preparazzjonijiet tal-event. Is-Sindku qal illi kien bagħat lill-Event Organizer biex jiddiskuti mal-istess persuna kif se naħdmu flimkien, iżda hu qal illi min-naħa tagħhom il-kumitat tal-banda jixtiequ li jtellaw din l-attivita waħedhom mingħajr ma jkun involut il-kunsill. Is-Sindku qal illi se jċempel lil dan il-persuna biex jara x'ġara għax kien hemm nuqqas ta' kommunikazzjoni. Il-Viċi Sindku staqsa lill-kunsillier Cardona jekk il-membru offra li joffru s-servizzi tagħhom b'xejn. Il-Viċi Sindku staqsa jekk dan qal jekk kienu lesti joffru s-servizz tagħhom b'xejn peress illi staqsu għalfejn ma kineux involuti.

36.3.7 Laqgħa mal-Perit: Is-Sindku qal illi waqt laqgħa mal-Perit, hu u s-Segretarju Eżekuttiv tkellmu fuq diversi affarijiet, fosthom il-problema tal-OCA's, Manoel Island, il-Ġnien, l-istat tat-toroq, iċ-Civic Centre. Il-Kunsill se jagħmel talba biex jgħin fit-tender illi għandna noħorġu rigward is-supply tal-materjal biex nirranġaw it-toroq.

## 36.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

36.4.1 Ma kien hemm l-ebda mistoqsijiet tal-kunsillieri

## 36.5 Rapporti

36.5.1 RESERVED u Un/Loading: Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għad baqa ftit riċerka x'issir iżda wieħed jista jinnota li hemm ħafna RESERVED u Un/Loading mingħajr permess. Il-

Kunsill qabel mas-suġġeriment tas-Segretarju Eżekuttiv illi nibagħtu ittra reġistrata lil kull minn għandu RESERVED biex jiġi il-Kunsill bi provi tal-badge u I.D Card.

36.5.2 Tenders: Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għat-tieni darba ħadd ma applika. Qal illi nhar il-Ħamis l-avviz se terġa tidher fuq id-DOI. Qal illi jekk hemm persuni interessati, dawn għandhom jidħlu fis-sistema tal-Epps għax hu ma jistax jgħinhom bl-EId/password tagħhom.
Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien irċieva talba mis-Sindku biex issir tender għas-supply/works tal-manutenzjoni tat-toroq. Qal illi se jinkorpora l-isleeping policemen fit-tender. Qal illi għandu bżonn l-għajnuna tal-kunsillieri rigward it-tip ta xogħolijiet illi hemm bżonn, kif ukoll l-approvazzjoni tal-Perit kif għandu joħroġ it-tender.
Kif intqal fil-bidu tal-laqgħa, il-Kunsill se joħroġ sejħa wkoll għax-xiri ta' Doggy/bins, kif ukoll ta' EU fund Officer.

**Il-kunsillieri Wayne Hewitt u Graziella Schembri telqu fit-8.20pm.**

36.5.3 Quarterly: Wara spjegazzjoni rigward ir-rapport tal-accountant, il-Kunsill qabel ma-Quarterly Report

## 36.6 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

36.6.1 Traffic Committee: Il-kunsillieri ma ġabrux il-lista sal-laqgħa u għalhekk il-kumitat se tkun konfermata fil-laqgħa li jmiss. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi se ssir laqgħa urġenti l-ġimgħa d-dieħla għall-approvazzjoni tal-Financial Statements u l-ismijiet għandhom jinbatgħu qabel il-laqgħa.

36.6.2 Bye-law [xorb alkoħoliku]: Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi se jibgħat id-dokumenti lid-Direttur wara l-laqgħa peress illi l-Minuti ġew iffirmati u għandu d-dokumenti neċessarji.

**Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għaddew tlett sigħat u talab lill-kunsillieri preżenti jekk jixtiequ jkomplu ħalli niddiskutu l-items kollha fl-Aġenda. Il-kunsillieri qablu.**

36.6.3 Memorial ta' Albert Rizzo: L-attivita se ssir waqt l-attivitajiet ta' Jum il-Gżira, flimkien mal-inawgurazzjoni ta' Bieb il-Gżira kif ukoll ir-restawr tal-monument tal-Kappillan Karlu Manche.

36.6.4 Graffiti: Il-kunsillier Jeremy Cardona ressaq suġġeriment illi nagħżlu post fejn wieħed jista jagħmel graffiti artististiku fil-lokalita. Il-Kunsill għandu jara jekk hemm post pubbliku fejn jista jsir.

36.6.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi qed jirċievi ftit ilmenti rigward l-ammont ta' ħamiem li hemm fil-Pjazza ta' Meme Scicluna. Qal illi ra ħafna ritratti u jidher ċar illi hemm min qed jitmagħhom. Qal illi minflok il-'culling' għandna ninfurzaw il-bye-law eżiztenti.

## 36.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

36.7.1 Il-Kunsill approva l-PAS.

## 36.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

36.8.1 Il-laqgħa intemmet fit-9pm u ġiet aġġornata għat-28 ta' Frar 2017 fil-5.30pm

Konfermati, illum it-Tlieta 28 ta' Frar 2017.

IFFIRMATA

Conrad Borg Manche
Sindku

IFFIRMATA

Anthony Attard
Segretarju Eżekuttiv